



2025/1065

12.8.2025

## REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/1065

tat-28 ta' Mejju 2025

**li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-aġġornament tar-referenzi għar-rekwiżiжи  
tal-protezzjoni ambjentali u li jikkoreġi dak ir-Regolament**

(Test b'rilevanza għażi-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 19(1) u (3) tiegħi,

Billi:

- (1) Fit-28 ta' Frar 2025 il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Delegat (UE) 2025/870 (²) li jaġġorna r-referenzi li saru fl-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2018/1139 għar-rekwiżiжи tal-protezzjoni ambjentali fl-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmsata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944 ("il-Konvenzjoni ta' Chicago"). L-ingēnji tal-ajru, għajnej l-ingēnji tal-ajru mingħajr bdot abbord, u l-magni, l-iskrejen, il-partijiet u t-tagħmir mhux installat tagħhom għandhom jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiжи tal-protezzjoni ambjentali.
- (2) Id-dispożizzjonijiet eżistenti dwar il-protezzjoni ambjentali fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 (³) jenħtieġ li jiġu aġġornati għall-implimentazzjoni konsistenti tar-rekwiżiжи applikabbli tal-protezzjoni ambjentali.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) Nru 748/2012 jiġi emendat kif xieraq.
- (4) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1358 (⁴) b'mod involontarju ħalla barra t-titulu tal-Anness Ib tar-Regolament (UE) Nru 748/2012. Għalhekk, jenħtieġ li jiddaħħal it-titulu tal-Anness Ib.
- (5) Ir-Regolamenti Delegati tal-Kummissjoni (UE) 2022/1358, (UE) 2023/1028 (⁵) u (UE) 2024/1108 (⁶) suċċessivament emendaw l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 u b'mod involontarju introduċew referenzi inkonsistenti u ridondanzi. Għalhekk, jenħtieġ li jiġi kkoreġut l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 748/2012.

(¹) ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>.

(²) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/870 tat-28 ta' Frar 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward tar-referenzi għad-dispożizzjoni jiet tal-Konvenzjoni ta' Chicago, (ĠU L 2025/870, 5.5.2025, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2025/870/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/870/oj)).

(³) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implementazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali jew id-dikjarazzjoni ta' konformità ta' ingēnji tal-ajru u ta' prodotti, ta' partijiet u ta' tagħmir relatati, kif ukoll għar-rekwiżiżi tal-kapaċità ta' organizzazzjoni jiet relatati mad-disinn u mal-produzzjoni (ĠU L 224, 21.8.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/748/oj>).

(⁴) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/1358 tat-2 ta' Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-implementazzjoni ta' rekwiżiti aktar proporzjonati għall-ingēnji tal-ajru użati għall-avjazzjoni sportiva u rikreazzjoni (ĠU L 205, 5.8.2022, p. 7, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2022/1358/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2022/1358/oj)).

(⁵) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/1028 tal-20 ta' Marzu 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tad-definizzjoni ta' ingēnji tal-ajru kumpless li jaħdem bil-magni u li jikkoreġi dak ir-Regolament (ĠU L 139, 26.5.2023, p. 10, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2023/1028/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2023/1028/oj)).

(⁶) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1108 tat-13 ta' Marzu 2024 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 748/2012 fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà inizjali tas-sistemi tal-ingēnji tal-ajru mingħajr bdot abbord soġġetti għaċ-ċertifikazzjoni, u r-Regolament Delegat (UE) 2019/945 fir-rigward tas-sistemi tal-ingēnji tal-ajru mingħajr bdot abbord u ta' operaturi minn pajjiżi terzi ta' sistemi ta' ingēnji tal-ajru mingħajr bdot abbord (ĠU L 2024/1108, 23.5.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_del/2024/1108/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1108/oj)).

- (6) Xi dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jemendaw u jikkoreġu d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 emendat bir-Regolament Delegat (UE) 2024/1108 li jsiru applikabbi fl-1 ta' Mejju 2025. Għalhekk, jenħtieġ li dan ir-Regolament jsir applikabbi fl-istess data.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma bbażati fuq l-Opinjoni Nru 02/2024 maħruġa mill-Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avazzjoni tal-Unjoni Ewropea f'konformità mal-Artikolu 76(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:**

**Artikolu 1**

Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

- (1) it-titulu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u tal-protezzjoni ambientali jew id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-ingienji tal-ajru u tal-prodotti, tal-partijiet, tat>tagħmir, tal-unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ relatati u komponenti ta' unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ, kif ukoll għar-rekwiżiti tal-kapaċità tal-organizzazzjoni jiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni (riformulazzjoni);"

- (2) fl-Artikolu 1(1), il-frażi introduttora hija sostitwita b'dan li ġej:

"F'konformità mal-Artikoli 19, 58 u 62 tar-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (\*), dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi komuni għaċ-ċertifikazzjoni tal-ajrunavigabbiltà u ambientali jew id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-prodotti, tal-partijiet, tat>tagħmir, tal-unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ u tal-komponenti tal-unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ li jispeċifikaw:

(\*) Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avazzjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1139/oj>).";

- (3) L-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Organizzazzjoni responsabbi mill-manifattura ta' prodotti, partijiet, tagħmir, unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ u komponenti ta' unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ għandha turi l-kapaċità tagħha f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21). Din id-dimostrazzjoni tal-kapaċità ma għandhiex tkun meħtieġa għall-manifattura ta' partijiet, tagħmir jew komponenti ta' unitajiet tal-kontroll u tal-monitoraġġ li huma eliġibbli, f'konformità mal-Anness I (il-Parti 21), għall-installazzjoni fi prodott iċċertifikat tat-tip jew f'unità tal-kontroll u tal-monitoraġġ, mingħajr il-ħtieġa li tkun akkumpanjata minn ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA).";

- (b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Permezz ta' deroga mill-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, organizzazzjoni li l-post prinċipali tan-negozju tagħha jkun fi Stat Membru u li tkun responsabbi għall-manifattura ta' prodotti msemmija fl-Artikolu 2(2) u (3) u tal-partijiet tagħhom tista' b'mod alternativ turi l-kapaċità tagħha f'konformità mal-Anness Ib (il-Parti 21 Light). Din id-dimostrazzjoni tal-kapaċità ma għandhiex tkun meħtieġa għall-manifattura ta' partijiet li huma eliġibbli, f'konformità mal-Anness Ib (il-Parti 21 Light), għall-installazzjoni fi prodott iċċertifikat tat-tip jew f'ingenu tal-ajru li jkun ġie soġġett għal-dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn, mingħajr il-ħtieġa li jkun akkumpanjat minn ċertifikat tar-rilaxx awtorizzat (il-Formola 1 tal-EASA).";

- (c) il-paragrafu 8 jitħassar;

- (4) L-Anness I (il-Parti 21) huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Ir-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa kkoreġut kif ġej:

- (1) L-Anness I (il-Parti 21) huwa kkoreġut f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (2) fl-Anness Ib (il-Parti 21 Light), it-titolu li ġej jiddaħħal qabel il-werrej:

*“ANNESS Ib*

### PARTI 21 LIGHT

**Ċertifikazzjoni u dikjarazzjoni tal-konformità tad-disinn tal-ingēnji tal-ajru għajr l-ingēnji tal-ajru mingħajr bdot abbord maħsuba primarjament għall-avjazzjoni sportiva u rikreazzjonali u tal-prodotti u tal-partijiet relatati, u d-dikjarazzjoni tal-kapaċità tad-disinn u tal-produzzjoni tal-organizzazzjonijiet”.**

## Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għandu japplika mill-1 ta' Mejju 2025.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Mejju 2025.

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*

## ANNESS I

L-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa emendat kif ġej:

(1) il-werrej ("Werrej") huwa emendat kif ġej:

(a) it-titolu tal-punt 21.A.91 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"21.A.91 Klassifikazzjoni tal-bidliet f'ċertifikat tat-tip";

(b) it-titolu tal-punt 21.B.85 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"21.B.85 Rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali għal ġertifikat tat-tip jew ġertifikat tat-tip ristrett;"

(2) il-punt 21.A.91 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**"21.A.91 Klassifikazzjoni tal-bidliet f'ċertifikat tat-tip**

Il-bidliet f'ċertifikat tat-tip għandhom jiġu kklassifikati bħala 'minuri' u 'maġġuri'. 'Bidla minuri' ma jkollha l-ebda effett sinifikanti fuq il-massa, il-bilanċ, is-saħħa strutturali, l-affidabbiltà, il-karatteristiċi operattivi, il-livelli ċċertifikati tal-ħoss jew tal-emissjonijiet, id-data tal-adegwatezza operattiva, jew karatteristiċi oħra li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà jew il-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott jew tal-UAS, jew ma jkollha l-ebda effett sinifikanti fuq l-affidabbiltà, il-karatteristiċi operattivi, jew karatteristiċi oħra li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà tas-CMU. Mingħajr preġudizzju għall-punt 21.A.19, il-bidliet l-oħra kollha għandhom jitqiesu bħala 'bidliet maġġuri' skont din is-Subparti. Il-bidliet maġġuri u minuri għandhom jiġu approvati f'konformità mal-punti 21.A.95 jew 21.A.97 kif xieraq, u għandhom jiġu identifikati b'mod adegwat.";

(3) fil-punt 21.A.95(b), il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. meta l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali skont il-punt 1 tkun ġiet dikjarata u l-ġustifikazzjonijiet tal-konformità jkunu ġew irregistratori fid-dokumenti tal-konformità; kif ukoll";

(4) fil-punt 21.A.432C, il-punt (b) huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe investigazzjoni mill-ġdid meħtieġa biex tintwera l-konformità tad-disinn tat-tiswija u l-oqsma affettwati mid-disinn tat-tiswija mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza, kif applikabbi, fiċ-ċertifikat tat-tip, fiċ-ċertifikat tat-tip supplimentari jew inkella fl-awtorizzazzjoni tal-ETSO għal APU;"

(b) il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. proposta għall-valutazzjoni tal-gruppi sinifikattivi tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità li jindirizzaw il-probabilità ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip jew mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza tal-prodotti, tal-UAS jew tas-CMU jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali. Il-valutazzjoni proposta għandha tqis mill-anqas l-elementi stabbiliti fil-punt 21.B.100(a), il-punti minn 1 sa 4. Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, l-applikazzjoni għandha tħinklu proposta għall-involvement tal-Aġenzija fil-verifika tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità; kif ukoll";

(5) fil-punt 21.A.433(a), il-punti 1 u 2 huma sostitwiti b'dan li ġej:

1. intwera, wara l-programm taċ-ċertifikazzjoni msemmi fil-punt 21.A.432C(b), li d-disinn tat-tiswija hu konformi mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali inkorporati b'referenza, kif applikabbi, fiċ-ċertifikat tat-tip, fiċ-ċertifikat tat-tip supplimentari jew inkella fl-awtorizzazzjoni tal-ETSO għal APU, kif ukoll b'kull emenda li tiġi stabbilita u notifikata mill-Aġenzija f'konformità mal-punt 21.B.450;
2. tiġi ddikjarata l-konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali f'konformità mal-punt (a)1 u l-ġustifikazzjonijiet tal-konformità jiġu rregistratori fid-dokumenti tal-konformità;"

(6) il-punt 21.B.70 huwa sostitwit b'dan li géj:

**“21.B.70 Speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni**

L-Aġenzija, f'konformità mal-Artikolu 76(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, għandha toħroġ speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni u speċifikazzjonijiet dettaljati oħra, inkluż speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni għall-aġrunavigabbiltà u għad-data tal-adegwatezza operattiva, li l-awtoritajiet kompetenti, l-organizzazzjonijiet u l-personal ikunu jistgħu jużaw biex juru l-konformità tal-prodotti, tal-partijiet, tat-tagħmir, tal-UAS, tas-CMUs u tal-komponenti tas-CMU mar-rekwiżiti essenziali rilevanti stabbiliti fl-Annessi II, IV, V u IX ta' dak ir-Regolament. Dawn l-ispeċifikazzjonijiet għandhom ikunu dettaljati u speċifiċi biżżejjed biex lill-applikanti juruhom il-kundizzjonijiet li skonthom għandhom jinħarġu, jiġu emendati jew jiġu s-supplimentati ċ-ċertifikati.”;

(7) il-punt 21.B.85 huwa sostitwit b'dan li géj:

**“21.B.85 Rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett**

(a) Għal ċertifikat tat-tip jew ċertifikat tat-tip ristrett għal ingenu tal-ajru jew għal ċertifikat tat-tip għal magna, l-Aġenzija għandha tiddeżiġa u tinnotifika lill-applikant ir-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali mir-rekwiżiti essenziali msemmija fl-ewwel subparagraphu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

(b) (riżervat).”;

(8) L-Appendiċi VII huwa sostitwit b'dan li géj:

“Appendiċi VII

Għall-użu mill-Istat tar-reġistrazzjoni	1. Stat tar-reġistrazzjoni		3. Nru tad-Dokument:	
<b>2. ĊERTIFIKAT TAL-ĦOSS</b>				
4. Marki tar-reġistrazzjoni:	5. Manifattur u deżinjazzjoni mill-manifattur tal-ingenu tal-ajru:		6. Nru tas-serje tal-ingenu tal-ajru:	
.....	.....		.....	
7. Manifattur u deżinjazzjoni mill-manifattur tal-magna/i:	8. Manifattur u deżinjazzjoni mill-manifattur tal-iskrun/ l-iskrejen (>):		.....	
.....	.....		.....	
9. Massa massima waqt il-qtugħ (kg):	10. Massa massima waqt l-inżul (kg) ():		11. Standard taċ-ċertifikazzjoni tal-ħoss:	
.....	.....		.....	
12. Modifikasi addizzjonali inkorporati għall-għan ta' konformità mal-istandard applikabbi taċ-ċertifikazzjoni tal-ħoss:				
.....	.....			
13. Livell tal-ħoss lateral/bil-magni miftuħin kollha ():	14. Livell tal-ħoss waqt l-avviċinament ():	15. Livell tal-ħoss waqt il-flyover ():	16. Livell tal-ħoss ta' titjira li tgħaddi minn fuq ():	17. Livell tal-ħoss waqt il-qtugħ ():
.....	.....	.....	.....	.....
Rimarki:				
18. Dan iċ-ċertifikat tal-ħoss jinħareġ skont l-Anness 16, il-Volum I tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmsata f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) 2018/1139 firrigward tal-ingenu tal-ajru msemmi hawn fuq, li huwa meqjus li jikkonforma mal-istandard tal-ħoss indikat meta miż-żu u mħaddem f'konformità mar-rekwiżiți rilevanti u l-limitazzjonijiet operattivi.				
19. Data tal-ħruġ: ..... 20. Firma: .....				
( ) Dawn il-kaxxi jistgħu jitħallew barra skont l-istandard taċ-ċertifikazzjoni tal-ħoss.				

Formola 45 tal-EASA – Ħarġa 2”.

## ANNESS II

L-Anness I (il-Parti 21) tar-Regolament (UE) Nru 748/2012 huwa kkoreġut kif ġej:

(1) il-werrej ("Werrej") huwa kkoreġut kif ġej:

(a) it-titolu tal-punt 21.B.105 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"21.B.105 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip";

(b) it-titolu tal-punt 21.B.109 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"21.B.109 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva għal ċertifikat tat-tip supplimentari";

(c) it-titolu tal-punt 21.B.450 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"21.B.450 Emendi tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni -tat-tip għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija";

(2) fil-punt 21.A.15(b), il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. proposta għall-valutazzjoni tal-gruppi sinifikattivi tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità li jindirizzaw il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva jew mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza tal-prodotti jew tal-UAS fuq il-kompatibbiltà ambjentali jew fuq is-sikurezza tas-CMU. Il-valutazzjoni proposta għandha tqis mill-inqas l-elementi stabiliti fil-punti minn 1 sa 4 tal-punt 21.B.100(a). Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, l-applikazzjoni għandha tħalli proposta għall-invloviment tal-Aġenzija fil-verifika tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità;";

(3) fil-punt 21.A.93(b)3, il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(iii) proposta għall-valutazzjoni tal-gruppi sinifikattivi tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità, li jindirizzaw il-probabbiltà ta' nuqqas ta' konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva jew mar-rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u l-impatt potenzjali ta' dak in-nuqqas ta' konformità fuq is-sikurezza tal-prodotti jew tal-UAS fuq il-kompatibbiltà ambjentali jew fuq is-sikurezza tas-CMU; il-valutazzjoni proposta għandha tqis mill-inqas l-elementi stabiliti fil-punti minn 1 sa 4 tal-punt 21.B.100(a). Abbażi ta' dik il-valutazzjoni, l-applikazzjoni għandha tħalli proposta għall-invloviment tal-Aġenzija fil-verifika tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità; kif ukoll";

(4) il-punt 21.A.147 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### **"21.A.147 Bidliet fis-sistema ta' ġestjoni tal-produzzjoni**

Wara l-ħruġ ta' ġertifikat tal-approvazzjoni ta' organizzazzjoni tal-produzzjoni, kull bidla fis-sistema ta' ġestjoni tal-produzzjoni li tkun sinifikanti għad-dimostrazzjoni tal-konformità jew għall-karatteristiċi tal-ajrunavigabbiltà u tal-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, tal-parti, tat-tagħmir, tal-UAS, tas-CMU jew tal-komponent tas-CMU, għandha tiġi approvata mill-awtorità kompetenti qabel ma tiġi implementata. L-organizzazzjoni tal-produzzjoni għandha tissottometti applikazzjoni għall-approvazzjoni lill-awtorità kompetenti li turi li se tkompli tikkonforma ma' dan l-Anness.";

(5) fil-punt 21.A.165(c)3, il-frażi introdutorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"barra minn hekk, fil-każ tal-protezzjoni ambjentali, jiddetermina li:";

(6) fil-punt 21.A.243, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tistabbilixxi u żżomm dikjarazzjoni tal-kwalifikasi u tal-esperjenza tal-persunal maniġerjali u ta' persuni oħrajn fl-organizzazzjoni li jkunu responsabbi għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jaffettwaw l-ajrunavigabbiltà, id-data tal-adegwatezza operattiva u l-kompatibbiltà ambjentali. Hija għandha tissottometti dik id-dikjarazzjoni lill-awtorità kompetenti.";

(7) fil-punt 21.A.245(e), il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. ikun hemm koordinazzjoni sħiħa u effiċjenti bejn id-dipartimenti u fi ħdan id-dipartimenti fir-rigward tal-ajrunavigabbiltà, tad-data tal-adegwatezza operattiva u tal-kompatibbiltà ambjentali.”;

(8) il-punt 21.A.247 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### **“21.A.247 Bidliet fis-sistema ta’ ġestjoni tad-disinn**

Wara l-ħruġ ta’ approvazzjoni tal-organizzazzjoni tad-disinn, kull bidla fis-sistema ta’ ġestjoni tad-disinn li tkun sinifikanti għad-dimostrazzjoni tal-konformità jew għall-ajrunavigabbiltà, għad-data tal-adegwatezza operattiva u għall-kompatibbiltà ambjentali tal-prodott, tal-parti, tat-tagħmir, tal-UAS, tas-CMU jew tal-komponent tas-CMU, għandha tiġi approvata mill-Āġenzija qabel ma tiġi implementata. L-organizzazzjoni tad-disinn għandha tissottometti applikazzjoni lill-Āġenzija għall-approvazzjoni li turi, abbażi tal-bidliet proposti fil-manwal, li se tkompli tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Anness.”;

(9) il-punt 21.A.251 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### **“21.A.251 Termini tal-approvazzjoni**

It-termini tal-approvazzjoni għandhom jidtentifikaw it-tipi tax-xogħol tad-disinn, il-kategoriji tal-prodotti, tal-partijiet, tat-tagħmir, tal-UAS, tas-CMUs jew tal-komponenti tas-CMU li għalihom l-organizzazzjoni tad-disinn għandha approvazzjoni ta’ organizzazzjoni tad-disinn, u l-funzjonijiet u d-dmirijiet li l-organizzazzjoni għandha l-approvazzjoni biex twettaq fejn jidħlu l-ajrunavigabbiltà, id-data tal-adegwatezza operattiva u l-karatteristiċi tal-kompatibbiltà ambjentali tal-prodotti, tal-UAS jew tas-CMUs. Għall-approvazzjonijiet tal-organizzazzjoni tad-disinn li jkopru c-ċertifikazzjoni tat-tip jew l-awtorizzazzjoni ta’ Ordni ta’ Standard Tekniku Ewropew (ETSO) għal unitajiet ta’ potenza awżiljari (APUs), it-termini tal-approvazzjoni għandu jkun fihom ukoll il-lista tal-prodotti, tas-CMUs jew tal-APUs. Dawk it-termini għandhom jinħarġu bħala parti minn approvazzjoni ta’ organizzazzjoni tad-disinn.”;

(10) fil-punt 21.A.432C(b), il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. l-identifikazzjoni tal-oqsma kollha tad-disinn tat-tip u l-manwali approvati li huma mibdula jew milquta mid-disinn tat-tiswija;”;

(11) fil-punt 21.A.701(a), il-punt 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“14. it-titjir tal-ingħenji tal-ajru li jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-ajrunavigabbiltà applikabbli qabel ma tkun intweriet il-konformità mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali;”;

(12) fil-punt 21.B.100(a), il-frażi introduttora hija sostitwita b'dan li ġej:

“L-Āġenzija għandha tiddetermina l-involviment tagħha fil-verifika tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità relatati mal-applikazzjoni għal-ċertifikat tat-tip, għal-ċertifikat tat-tip ristrett, għal approvazzjoni ta’ bidla maġġuri, għal-ċertifikat tat-tip supplimentari, għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija maġġuri jew għal awtorizzazzjoni tal-ETSO għal APUs. Din għandha tagħmel dan abbażi ta’ valutazzjoni ta’ gruppi sinifikattivi tal-aktivitajiet u tad-data tad-dimostrazzjoni tal-konformità tal-programm taċ-ċertifikazzjoni. Dik il-valutazzjoni għandha tindirizza:

- il-probabbiltà ta’ nuqqas ta’ konformità mhux identifikat mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva jew mar-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali; kif ukoll
- l-impatt potenzjali ta’ dak in-nuqqas ta’ konformità fuq is-sikurezza tal-prodotti, tal-UAS u tas-CMU jew fuq il-kompatibbiltà ambjentali,  
u tikkunsidra tal-inqas l-elementi li ġejjin:”;

(13) il-punt 21.B.105 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### **“21.B.105 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva għal bidla maġġuri fiċ-ċertifikat tat-tip**

L-Āġenzija għandha tistabbilixxi l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbli, ir-rekwiżiti applikabbli tal-protezzjoni ambjentali, u fil-każżeen ta’ bidla li taffettwa d-data tal-adegwatezza operattiva, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva stabbilita f'konformità mal-punt 21.A.101, u għandha tinnotifika dwar dan lill-applikant fil-każżeen ta’ bidla maġġuri fċertifikat tat-tip.”;

(14) il-punt 21.B.109 huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“21.B.109 Bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip, rekwiżiti tal-protezzjoni ambjentali u bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva għal ċertifikat tat-tip supplimentari”**

L-Aġenzija għandha tistabbilixxi l-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip applikabbi, ir-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali, u fil-każ ta' bidla li taffettwa d-data tal-adegwatezza operattiva, il-bażi taċ-ċertifikazzjoni tad-data tal-adegwatezza operattiva stabbilità f'konformità mal-punt 21.A.101, u għandha tinnotifika dwar dan lill-applikant fil-każ ta' ċertifikat tat-tip supplimentari.”;

(15) fil-punt 21.B.450, it-titolu huwa sostitwit b'dan li ġej:

**“21.B.450 Emendi tal-bażi taċ-ċertifikazzjoni -tat-tip għal approvazzjoni tad-disinn tat-tiswija”;**

(16) il-punt 21.B.453 huwa kkoreġut kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. l-Aġenzija, permezz tal-verifikasi tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità f'konformità mal-livell tal-involviment stabbilit skont il-punt 21.B.100(a), ma tkun sabet l-ebda nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali; kif ukoll”;

(b) il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) L-Aġenzija għandha toħroġ approvazzjoni ta' disinn tat-tiswija minuri, dment li l-applikant ikun konformi mal-punti 2 u 4 tal-punt (a) u dment li l-Aġenzija, permezz tal-verifikasi tagħha tad-dimostrazzjoni tal-konformità f'konformità mal-livell tal-involviment skont il-punt 21.B.100(b), ma tkun sabet l-ebda nuqqas ta' konformità mal-bażi taċ-ċertifikazzjoni tat-tip u mar-rekwiżiti applikabbi tal-protezzjoni ambjentali.”.